# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu 2017**

**Numru 19**

**Rikors numru 66/08 AL**

**Ines Calleja f'isimha u bhala prokuratur tal-assenti Mary Paolini, Frank Calleja, Edith Zerafa, Alfred Fsadni, Dr Ivan Fsadni, Marika Fsadni, Dr Helga Fsadni, Kurunell Dr Anthony Cremona, u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2017 stante l-mewt tal-Kurunell Dr Anthony Cremona l-atti gew trasfuzi f'isem Kathleen vom Schloss Peter Cremona, Jennifer Zammit u David Cremona; Mary Benvenuti, Susan Vella Bardon, Alfred Cremona f'ismu u bhala prokuratur tal-assenti Robert Cremona, u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2017 stante l-mewt ta' Robert Cremona, l-atti gew trasfuzi f'isem martu Diana Cremona; Dr John Bonnici Mallia, Louisette dei Conti Sant Manduca, Anna Meli Bugeja, Victoria Camilleri, Charmaine Attard, Margaret Bonnici Mallia, Simon Bonnici Mallia, Michael Bonnici Mallia, May Denaro, Victor Denaro, Helena Denaro u Christanne Wirth**

**v.**

**Kummissarju tal-Art u Direttur, Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2010 u b'nota tat-2 ta' Novembru, 2010 l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawza minflok il-konvenut Direttur, Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat konvenut Kummissarju tal-Artijiet [il-Kummissarju] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2012, li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet it-tieni u r-raba' talba tal-atturi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnhom, laqghet l-ewwel talba attrici u iddikjarat illi bil-mghodija ta' triq fiz-Zebbiegh (Mgarr), il-konvenuti uzurpaw u okkupaw abbuzivament porzjoni ta' art proprjeta` tal-atturi; laqghet ukoll it-tielet talba attrici sabiex il-konvenuti jirritornaw l-imsemmija porzjoni ta' art "ghall-istat originali taghha u li t-triq tghaddi mill-art li effettivament giet esproprjata". L-ispejjez gew akkollati lill-konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom.

Mertu

2. In succint, permezz tal-odjerni proceduri, l-atturi qeghdin ifittxu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li, bit-twettiq ta' xoghol konsistenti f'moghdija ta' triq li twassal minn Triq Sir Temi Zammit, Zebbiegh (Mgarr) ghall-Knisja taz-Zebbiegh, il-konvenuti jew min minnhom uzurpaw u okkupaw abbusivament porzjon art proprjeta` taghhom, minflok ma uzaw esklussivament dik il-porzjon art li giet esproprjata bl-iskop specifiku li tigi kostruwita triq fuqha.

3. L-istess atturi konsegwentement qed jitolbu li jigu likwidati u mhallsa d-danni sofferti minnhom b'konsegwenza ta' dan l-agir, kif ukoll li jigu reintegrati fil-pussess tal-imsemmija porzjoni ta' art li ttiehdet minnhom. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghal danni in kwantu ma ngabux provi fir-rigward, izda laqghet it-talba ghar-reintegrazzjoni ta' dik il-porzjoni ta' art li ttiehdet mill-pussess taghhom ghall-mghodija tat-triq in kwistjoni u li ma kinitx tifforma parti mill-art esproprjata.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tat-30 ta' Marzu 2012, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal dikjarazzjoni li bit-twettiq ta' xoghol konsistenti f'moghdija ta' triq, li sar mill-intimati jew min minnhom, l-istess intimati jew min minnhom uzurpaw u okkupaw abbusivament porzjon art proprjeta' tal-atturi minflok li ntuzat esklussivament dik il-porzjon art li giet esproprjata u li kienet specifikament intiza sabiex minnha tghaddi t-triq progettata. Konsegwenzjalment, il-Qorti ghandha wkoll quddiemha talba ghal dikjarazzjoni tar-responsabbilita' tad-danni sofferti mill-atturi u talba ghal likwidazzjoni tal-istess danni sofferti. L-atturi qed jitolbu wkoll illi il-Qorti tordna lill-konvenuti jew min minnhom jirrintegraw il-porzjon art mertu tal-kawza u li ma gietx esproprjata ghall-istat originali taghha u jipprovdu sabiex it-triq tghaddi mill-porzjon art li effettivament giet esproprjata. L-atturi qed jitolbu wkoll illi il-Qorti tordna il-hlas tad-danni hekk likwidati.
>
> "Illi min-naha taghha l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta tikkontendi li, fost eccezzjonijiet ohra, li ghandu jigi kjamat in kawza l-Kunsill Lokali Mgarr *stante* li huwa l-awtorita' kompetenti ghat-toroq residenzjali fil-konfini li tahtu taqa' l-art in kwistjoni.
>
> "**Rigward it-talba ghal dikjarazzjoni ta' xoghol li sar b'mod abbusiv**

“Illi il-Qorti ser tghaddi sabiex, fid-dawl tat-talbiet tal-atturi, tezamina l-porzjon art li giet effettivament esproprjata. jirrizulta bl-aktar mod car mill-kopja tal-gazzetta tal-gvern1[1] illi l-art li giet esproprjata hija art tal-kejl ta’ 750 metru kwadru li tmiss mill-Grigal u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Frank Calleja u mill-Punent ma’ Triq Sir Temi Zammit gewwa l-Imgarr Malta.

“Illi l-atturi jikkontendu li t-triq li saret ghaddiet minn fuq art li effettivament ma kienitx esproprjata, u dan allura sar bi ksur tal-pjan ta’ zvilupp, bir-rizultat li huma gew imcahhda mill-art proprjeta’ taghhom. L-attur Frank Calleja, permezz tal-affidavit tieghu, esebit a fol 34 tal-process, jikkonferma li fuq l-art in kwistjoni u cioe’ l-proprjeta’ tal-atturi, it-triq li giet kostruwita, m’hijiex skond il-pjanti tal-esproprjazzjoni jew il-pjanti tat-toroq approvati mill-MEPA. L-istess xhud jghid li l-atturi ppruvaw isibu rimedju permezz tal-Ombudsman, tant li dan tal-ahhar gharraf lill-Awtorita dwar it-Trasport biex tikkonforma ruhha mal-esproprjazzjoni u l-Iskema tal-Pjan approvat mill-MEPA. L-attur jispjega wkoll kif l-ADT kienet waslet biex tiehu azzjoni skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman izda meta kien wasal biex jibda x-xoghol, is-sindku tal-Imgarr oggezzjona u l-ADT waqqfet ix-xoghol.

“Ikkunsidrat :

“Illi il-Perit Walter Portelli, li jahdem mal-Awtorita’ Dwar it-Trasport permezz tax-xhieda tieghu[2], qal li meta l-attur Frank Calleja kien ilmenta mal-istess Awtorita’, din tal-ahhar kienet talbet *scheme alignment* mill-MEPA (kif jirrizulta minn Dok. WP1 esebit a fol 47 tal-process) u kien fil-fatt irrizulta li l-ilment kien gustifikat. Din ix-xiehda issahhah l-argument u t-tezi tal-atturi fis-sens li t-triq giet mibnija fuq art li effettivament ma kienitx esproprjata, specjalment meta jikkonferma li “***fil-presenti it-triq qieghda parti fil-parti mhux esproprjata u parti le***”. L-istess xhud jispjega wkoll li l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ser iccaqlaq it-triq u taqla’ l-bankina, tant li fiz-zmien tax-xiehda tieghu kien hemm diga’ stima tax-xoghol liema stima kienet giet approvata u kien intaghzel ukoll il-kuntrattur. Il-Qorti thoss li gialadarba l-Awtorita’ Dwar it-trasport iddikjarat dan it-tibdil, dan necessarjament ifisser li l-istess Awtorita’ irrikonoxxiet il-fatt li l-atturi gew imcahhda mill-art proprjeta’ taghhom minghajr ebda bazi fil-ligi u rrikonoxxiet ukoll li bhala Awtorita’, kellha tiehu dawk il-passi necessarji sabiex l-atturi jergghu jinghataw lura l-art li ttihditilhom u li gew imcahhda minnha minghajr ebda bazi legali. Illi anke l-Perit David Vassallo fix-xiehda tieghu [3] ikkonferma li l-ilment tal-atturi kien gustifikat. Victor Fiorentino, *planning control officer* fit-*transport planning authority* tal-MEPA, jispjega[4] li t-triq kif suppost saret skond il-pjan regolatur hija ttrecjata blu (ara Dok. VBF3 esebit a fol 52 tal-

[1] Esebita a fol 12 tal-process
[2] Esebita a fol 44 tal-process
[3] Esebita a fol 46 tal-process
[4] Ara x-xhieda tieghu esebita a fol 58

process), filwaqt li kif effettivament saret huwa mmarkat bil-gold. L-istess xhud ikompli jispjega li dik il-parti mmarkata bil-gold turi t-triq kif giet imwessa u "***li mhux fil-pjan regolatur***".

"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-dikjarazzjoni li saret fuq il-gazzetta The Sunday Times nhar il-5 ta' Ottubru 2008 u li permezz taghha sar tentattiv sabiex jigu notifikati s-sidien mhux maghrufa tal-art in kwistjoni u mertu tal-kawza, bl-intenzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Imgarr kellu l-intenzjoni li jintavola applikazzjoni ghall-*alignment* tat-triq. Izda il-Qorti tara li sal-10 ta' Novembru 2008, u cioe' sad-data meta xehed Victor Fiorentino, minn ricerka li ghamel hu stess, irrizulta li ma kien hemm ebda applikazzjoni sabiex issir it-triq. Izda mbaghad, permezz tax-xiehda tal-Perit Silvio Farrugia[5] gie dikjarat li l-Kunsill Lokali Mgarr kien intavola applikazzjoni biex jissanzjona l-linja tat-triq kif inhi (Ref. PA 5055/08). L-istess Perit esebixxa dokument (Dok. SF(i)) li juri d-differenza "***bejn it-triq kif inhi imwessgha bhalissa u t-triq kif ippjanta mill-MEPA***"[6]

"Ikkunsidrat :

"Il-Qorti rat ukoll ix-xiehda ta' Margaret Falzon[7] li tahdem fi hdan id-Dipartiment tal-Artijiet li, filwaqt li taghti d-dettalji tal-art li giet esproprjata, tiddikjara wkoll li "***d-dipartiment ma jiccekjax jekk l-art li giet esproprjata hix l-istess li ttiehdet jew aktar***". Jekk id-dipartiment tal-artijiet esproprja l-art in kwistjoni *ai termini* tal-*President Declaration* (u dan *ex admissis* mid-dipartiment stess), allura dan ifisser li ma kellhiex id-dover li taccerta ruhha li t-triq li saret, fattwalment saret fuq l-art li giet esproprjata u mhux fuq art akbar? Il-Qorti tara li dan l-ezercizzju kien kompetu tal-istess dipartiment *stante* li dan kellu d-dover li jaccerta ruhu li l-art li huwa stess esproprja tkun fattwalment dik l-art li fuqha tinbena t-triq.

"Il-Qorti tara ghalhekk illi l-atturi rnexxielhom jippruvaw, sal-grad rikjest mill-ligi, li gew imcahhda minn art proprjeta' taghhom u li effettivament ma gietx esproprjata, dan anke tenut kont tal-fatt li Margaret Falzon (li tahdem mad-Dipartiment tal-Artijiet) ikkonfermat li fuq l-art in kwistjoni kien hemm *President Declaration* wahda biss, u cioe' avviz numu 454 ta' Lulju 1992, flimkien mal-pjanta relattiva bin-numru LD 364/91.

"**<u>Rigward it-talba ghal danni</u>**

"Illi l-konvenut Kummissarju tal-Art eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tad-danni allegati mill-atturi.

"Illi nhar it-30 ta' Jannar 2009, l-atturi ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi ghajr prezentata ta' xi dokumenti u rizerva ta' nomina ta' espert

[5] Ara x-xhieda tieghu esebita a fol 94
[6] Ara x-xhieda tal-Perit Salvino Farrugia a fol 97 tal-process
[7] Ara x-xhieda taghha esebita a fol 79 tal-process

> tekniku sabiex jaghmel valutazzjoni tad-danni subiti mill-attur izda sussegwentement, nhar l-24 ta' Marzu 2009, l-atturi ghalqu l-provi taghhom.
>
> "Il-Qorti rat li gialadarba l-atturi ma ressqu ebda forma ta' prova relatati mad-danni minnhom allegati, m'hemmx lok ghall-Qorti sabiex tidhol fil-kwistjoni relatata mal-preskrizzjoni tal-istess. Ghalhekk in vista ta' nuqqas ta' provi, it-tieni talba tal-atturi ma tistax tigi milqugha."

<u>L-Appell</u>

5. B'rikors tal-appell datat 19 ta' April 2012, il-Kummissarju qed jappella limitatament minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel u t-tielet talbiet attrici. Huwa jibbaza l-appell tieghu fuq is-sottomissjoni li hu, la ghandu jinzamm responsabbli ghat-tehid abbuziv li sar fil-proprjeta` ta' terzi u lanqas ghandu jinzamm responsabbli biex jirrintegra lill-atturi fil-pussess ta' din l-art stante li hu ma kienx involut bl-ebda mod fix-xoghlijiet li saru fl-art de quo u li din l-art ma tinsabx fil-pussess tieghu.

6. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tirrevokaha in kwantu laqghet l-ewwel u t-tielet talbiet tal-atturi, u tipprovdi minflok billi tichad l-istess; [u] tikkonfermaha ghall-kumplament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

7. L-atturi jilqghu ghall-appell tal-Kummissarju b'risposta tal-14 ta' Mejju 2012, li fiha, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, jitolbu lil din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata

bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

8. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta konvenuta twiegeb ghall-appell tal-Kummissarju b'risposta tas-17 ta' Mejju 2012 fejn irrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

L-Aggravju

9. L-aggravju tal-Kummissarju tal-Art jiccentra fuq is-sottomissjoni illi l-funzjoni tieghu f'kazijiet ta' esproprju testendi biss sal-hrug tad-Dikjarazzjoni mill-President fir-rigward proprjeta` ta' terzi li tkun mehtiega ghal xi skop pubbliku, meta ssirlu talba ghal dan l-iskop minn xi awtorita` pubblika li tkun tehtieg dik l-art ghat-twettiq ta' xi progett fl-interess pubbliku . Jissottometti illi meta ssirlu tali talba, huwa johrog ordni ghall-esproprju tal-art li tkun indikata lilu bhala mehtiega ghal xi skop pubbliku, u r-rwol tieghu fl-esopoprju jieqaf hemm. Isostni illi certament mhux kompitu tieghu li jara li l-art esproprjata tkun fil-fatt qeghdha tintuza skont il-konfini u kejl indikat lilu u lanqas ma hu tenut jinzamm responsabbli jekk wara li l-art tghaddi f'idejn l-entita` pubblika, din ma tuzax l-art esproprjata u taghmel progett minn fuq art ohra minghajr ma tfittex li dik l-art tigi esproprjata b'mod legali.

10. Jissottometti illi l-esproprju sar fuq talba tal-Awtorita` konvenuta

sabiex tigi estiza triq u ghalhekk kienet ir-responsabbilta` ta' din il-konvenuta li tara li l-bini tat-triq issir fuq l-art esproprjata. Ir-ragunament tal-ewwel Qorti jfisser illi l-Kummissarju tal-Art ser jibda jinzamm responsabbli ghal kull porzjoni art li tigi okkupata u uzurpata illegalment minn terzi persuni anke jekk hu ma jkunx involut fix-xoghlijiet li jsiru u fid-decizjonijiet li jittiehdu. Jghid ghalhekk li hu, la ghandu jinzamm responsabbli ghal tehid u abbuz mill-art tal-atturi da parti ta' terzi u lanqas m'ghandu jitqies responsabbli sabiex jirreintegrahom fil-pussess. L-art de quo mhijiex fil-pussess tieghu u hu ma kienx involut fid-decizjonijiet li ttiehdu fir-rigward taghha.

11. Fir-risposta taghhom, l-atturi appellati jissottomettu inter alia, illi l-Kummissarju qatt ma segwa l-kawza u ma tellax provi fir-rigward ta' liema *policy* tistabilixxi li hu ghandu r-responsabbilita` jassigura t-twettiq tal-progett pubbliku li ghalih tkun saret l-esproprjazzjoni. Isostnu li l-Kummissarju kellu d-dmir isegwi x'gara mill-art li esproprja. Dan ghandu jsir fil-kwalita` tieghu ta' sid billi juza d-dilgenza ta' *bonus paterfamilias*.

12. Jissottomettu li l-Kummissarju tal-Art kellu jirrispondi wkoll ghal din il-kawza stante li huma kienu gew infurmati b'mod ufficjali dwar l-esproprjazzjoni minnu. Jirreferu ghax-xhieda ta' Frank Calleja u jissottomettu li sahansitra l-Ombudsman meta studja l-kaz gharraf lill-

ADT biex tikkonforma ruhha mal-esproprjazzjoni u l-iskema tal-pjan approvat mill-MEPA.

13. L-atturi jsostnu illi x-xhieda ta' Margaret Falzon meta tghid li l-Kummissarju tal-Art kiteb lill-konvenut l-iehor Transport Malta, tfisser illi l-Kummissarju tal-Art isegwi x'jigri wara li ssir l-esproprjazzjoni u mhux minnu li l-funzjoni tieghu tieqaf hemm. Jghidu ghalhekk li huma z-zewg intimati li jridu jaraw li x-xoghol li jsir jibqa' fuq il-konfini tal-art li giet esproprjata. Jghidu illi huwa kompitu tal-Kummissarju tal-Art li jara li art jew proprjeta` li qed tintuza ghal skop pubbliku u li ma hijiex tal-Gvern, tigi ritornata lis-sidien.

14. Izidu jghidu illi jigix sanzjonat jew le mill-MEPA ix-xoghol li sar fl-art de quo, parti minn din xorta ghadha ma gietx esproprjata u ghalhekk din il-Qorti ghandha zzomm ferm is-sentenza tal-ewwel Qorti biex l-appellati jiehdu lura l-art u ssir gustizzja maghhom.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

15. Illi fir-rikors promotur l-atturi spjegaw hekk ir-raguni ghat-talbiet taghhom:

> "Illi, ghalkemm giet konkluza tali esproprijazzjoni, l-imsemmija triq progettata minflok li ghaddiet minn dik il-porzjon li effettivament giet esproprijata, ghaddiet ukoll in parte minn dik il-porzjoni art proprjeta` tal-

> esponenti illi hija markata bil-blue, b'tali mod illi t-triq progettata giet spostata ghal fuq parti mill-art proprjeta` tal-atturi rikorrenti li ma kinitx [giet] espropprijata…… u li ma hemmx il-htiga li tigi espropprijata ladarba gja giet espropprijata porzjon art adegwata u addattata sabiex issir triq minnha."

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-vertenza li ghandha quddiemha mhijiex jekk il-Kummissarju ghandux l-obbligu li jsegwi l-progett li ghalih huwa kien esproprja l-art, imma jekk hux minnu li f'dan il-kaz l-Awtorita` konvenuta dahlitx fuq art proprjeta` ta' terzi <u>minghajr bazi legali</u> u senjatament minghajr ma saru proceduri skont il-ligi ghall-esproprju ta' dik l-art; u l-fatt li l-art adjacenti kienet giet debitament esproprjata skont il-ligi m'ghandux relevanza ghall-finijiet tal-vertenza in kwistjoni.

17. Din il-Qorti tosserva li, mill-provi jirrizulta manifest li l-Awtorita` konvenuta estendiet ix-xoghlijiet progettati ghal fuq l-art de quo meta din l-art ma kienitx formanti parti mill-esproprju. Ghalhekk ladarba l-Kummissarju ma kien involut bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, fl-invazjoni li saret mill-Awtorita` konvenuta fuq l-art tal-atturi, huwa m'ghandux jirrispondi ghall-agir illegali u abuziv da parti tal-istess Awtorita` u konsegwenzjalment ghandux jehel spejjez.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijet premessi u ser jigi milugh.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet u, filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel u t-tielet talbiet tal-atturi fil-konfront tieghu wkoll, minflok, tichad dawn it-talbiet fil-konfront tal-istess Kummissarju u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ikunu kollha a kariku tal-Awtorita` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df